Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE

(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni)

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 332/03)

ESO ([1])	Ir-referenza u t-titlu tal-istandard (u d-dokument ta' referenza)	L-ewwel pubblikazzjoni fil-ĠU	Referenza tal-istandard li ġie sostitwit	Data tal-waqfa tal-presunzjoni tal-konformità tal-istandard li ġie sostitwit Nota 1	Miri standard biex ikopru Artikolu/i tad-Direttiva 2014/53/UE
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
ETSI	EN 300 065 V2.1.2 Tagħmir telegrafiku li jistampa direttament fuq frekwenza dejqa biex jirċievi informazzjoni meterjoloġika konnessa man-navigazzjoni (NAVTEX); Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artikli 3.2 u 3.3(g) tad-Direttiva 2014/53/EU	8.7.2016			Artikolu 3(2);Artikolu 3(3)(g)
ETSI	EN 300 676-2 V2.1.1 Trażmettituri, riċevituri u transriċevituri VHF li jinżammu fl-id, mobbli u fissi bbażati mal-art għas-servizz VHF mobbli aeronawtiku li juża modulazzjoni amplifikata; Parti 2: Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/EU	8.7.2016			Artikolu 3(2)
ETSI	EN 301 025 V2.1.1 Tagħmir tar-radjotelefonija fuq il-VHF għal komunikazzjonijiet ġenerali u tagħmir assoċjat għal Sejħat Selettivi Diġitali ta' klassi "D" (DSC); Standard armonizzat li jkopri r-Rekwiżiti essenzjali tal-Artikoli 3.2 u 3.3(g) tad-Direttiva 2014/53/EU	12.8.2016			Artikolu 3(2);Artikolu 3(3)(g)
ETSI	EN 301 783 V2.1.1 Tagħmir tar-radju tad-dilettanti aċċessibbli kummerċjalment; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/EU	8.7.2016			Artikolu 3(2)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
ETSI	EN 301 839 V2.1.1 Impjantazzjonijiet Mediċi Attivi b'Enerġija Ultra-Baxxa (ULP-AMI) u apparati periferali assoċjati (ULP-AMI-P) li joperaw fil-faxxa ta' frekwenzi ta' 402 MHz sa 405Mhz: Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali ta' artiklu 3.2 tad –Direttiva 2014/53/EU	8.7.2016			Artikolu 3(2)
ETSI	EN 301 908-12 V7.1.1 Netwerks ċellulari għal IMT; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/KE; Parti 12: Tixrid Dirett CDMA (cdma2000) Ripetituri	Din hi l-ewwel pubblikazzjoni			Artikolu 3(2)
ETSI	EN 303 203 V2.1.1 Apparati ta' Faxxa Qasira (SRD); Sistemi ta' Netwerk fi sfera Medika (MBANSs) li joperaw fil-medda ta' frekwenzi 2 483,5 MHz sa 2 500 MHz; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali ta' artiklu 3.2 tad – Direttiva 2014/53/EU	12.8.2016			Artikolu 3(2)
ETSI	EN 303 372-2 V1.1.1 Stazzjonijiet Terrestri u Sistemi Satellitari (SES); Tagħmir ta'riċevituri b'Xandir Satellitari; Standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-artiklu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/EU; Parti-2: Unit ta' ġewwa	Din hi l-ewwel pubblikazzjoni			Artikolu 3(2)

([1]) ESO: Organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni:
— CEN: Avenue Marnix 17, B-1000, Brussels, Tel. +32 2 5500811; faks + 32 2 5500819 (http://www.cen.eu)
— CENELEC: Avenue Marnix 17, B-1000, Brussels, Tel. +32 2 5196871; faks + 32 2 5196919 (http://www.cenelec.eu)
— ETSI: 650, route des Lucioles, F-06921 Sophia Antipolis, Tel. +33 492 944200; faks +33 493 654716, (http://www.etsi.eu)

Nota 1: Ġeneralment id-data li fiha tintemm il-preżunzjoni ta' konformità tkun id-data tar-revoka ("dow"), stabbilita mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, iżda l-utenti għandhom jinnotaw li f'ċerti każijiet eċċezzjonali dan jista' jkun mod ieħor.

Nota 2.1: L-istandard il-ġdid (jew emendat) għandu l-istess għan bħall-istandard li ġie sostitwit. Fid-data speċifikata, l-istandard li ġie sostitwit, jieqaf milli jagħti preżunzjoni ta' konformità mal-rekwiżiti essenzjali jew oħrajn fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Nota 2.2: L-istandard il-ġdid għandu għan usa' mill-istandard li ġie sostitwit. Fid-data speċifikata, l-istandard li ġie sostitwit, jieqaf milli jagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali jew oħrajn fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Nota 2.3: L-istandard il-ġdid għandu għan aktar speċifiku mill-istandard li ġie sostitwit. Fid-data speċifikata, l-istandard li ġie sostitwit (parzjalment) jieqaf milli jagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għal dawk il-prodotti jew dawk is-servizzi li jaqgħu fl-ambitu tal-istandard ġdid. Ma tiġix effettwata preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali jew oħrajn fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għall-prodotti jew is-servizzi li xorta jaqgħu fil-ambitu tal-istandard li ġie sostitwit (parzjalment), iżda li ma jaqgħux fl-ambitu tal-istandard il-ġdid.

Nota 3: F'każ ta' emendi, l-istandard ta' referenza huwa EN CCCCC:YYYY, l-emendi preċedenti tiegħu, jekk kien hemm, u l-emenda l-ġdida kkwotata. Għalhekk l-istandard li ġie sostitwit jikkonsisti f'EN CCCCC:YYYY u l-emendi preċedenti tiegħu, jekk kien hemm, iżda mingħajr l-emenda l-ġdida kkwotata. Fid-data speċifikata, l-istandard li ġie sostitwit jieqaf milli jagħti l-preżużjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali jew oħrajn fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

NOTA:

— Kwalunkwe informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-istandards tista' tinkiseb jew mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni jew mill-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni, li l-lista tagħhom hija ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ([1]).

— L-istandards jiġu adottati mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni bl-Ingliż (is-CEN u s-CENELEC jippubblikaw ukoll bil-Franċiż u l-Ġermaniż). Sussegwentement, it-titli tal-istandards jiġu tradotti fil-lingwi uffiċjali meħtieġa l-oħrajn kollha tal-Unjoni Ewropea mill-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea mhix responsabbli mill-korrettezza tat-titli li tressqu għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

— Ir-referenzi għall-Corrigenda "…/AC:YYYY" jiġu ppubblikati biss għall-informazzjoni. Corrigendum ineħħi l-iżbalji tal-istampar, dawk lingwistiċi jew żbalji simili mit-test ta' standard u jista' jkun jirreferi għal verżjoni ta' lingwa waħda jew iktar (bl-Ingliż, bil-Franċiż u/jew bil-Ġermaniż) ta' standard kif adottat minn xi organizzazzjoni Ewropea għall-istandardizzazzjoni.

— Il-pubblikazzjoni tar-referenzi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ma timplikax li l-istandards huma disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.

— Din il-lista tieħu post il-listi kollha preċedenti pubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta l-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni Ewropea tiżgura l-aġġornament ta' din il-lista.

— Aktar informazzjoni dwar standards armonizzati u standards oħra Ewropej tinsab fl-Internet fuq

http://ec.europa.eu/growth/single-market/european-standards/harmonised-standards/index_en.htm

([1]) ĠU C 338, 27.9.2014, p. 31.